**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 690/2023 MS*

**Charles Saliba**

**Vs.**

**Mary Saliba**

Illum, 26 ta' Frar, 2024

Kawża Numru: 8

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-3 ta' Lulju, 2023, li permezz tiegħu wara li ppremetta dan li ġej:

> **<u>Dikjarazzjoni u Raġuni tat-Talba</u>**
>
> Illi l-attur kien miżżewweġ lill-konvenuta, u fil-fatt iżżewwġu f'Ġunju tas-sena 1990, u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ ulied, Ritienne u Letizia, li illum huma t-tnejn adulti;
>
> Illi l-partijiet kienu ottenew is-separazzjoni personali permezz ta' sentenza deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet **<u>A B vs C</u>**

**B** (Kawża nru 7/2004 NC), li fiha l-Qorti kienet iddeċidiet is-segwenti;

***Decide***
*Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:*
*[1] tilqa' l-ewwel talba, limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva ta' l-attur;*
*[2] tichad it-tieni talba, filwaqt li tapplika fil-konfront ta' lattur l-artikolu 48 tal-Kap.16, fl-intier tieghu;*
*[3] tilqa' it-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoniji ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti'; u tordna li l-attur jhallas manteniment, futur u arretrat, lillkonvenuta kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';*
*[4] tilqa' ir-raba u l-hames talba limitatament ghat-tifla Letizja, kif indikat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja' u li l-attur ihallas manteniment ghall-istess kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Manteniment';*

*Spejjez kollha jibqghu a kariku tal-attur.*

Kopja tas-sentenza qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. CS1**.

Illi l-Qorti tal-ewwel istanza, fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, fost oħrajn, kienet stmat iż-żewġ garaxxijiet li l-partijiet kellhom bejniethom, u ċioe' il-garaxx bin-numru mhux ufficjali ħmistax (15) u bl-isem Pile Driver, fi Triq l-Aħmar, Marsascala u l-garaxx numru erbatax (14) f'Fingest Court, Tower Road, Msida, għall-valur ta' Lm5,000 (€11,647) u Lm 6,000 (€13,976) rispettivament, li komplessivament jammontaw għall-valur ta' €25,623;

Illi l-attur kien ħass ruħu aggravat b'dik is-sentenza u b'hekk huwa ppreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Charles Saliba v. Mary Saliba**, liema appell ġie deċiż nhar il-25 ta' Mejju 2012, bil-mod segwenti;

*DECIDE*
*35. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:*
*Tikkonfermaha in kwantu laqghet l-ewwel talba u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-attur;*

*2. Tvarja l-ghoti ta' manteniment favur il-konvenuta fis-*

*sens kif intqal iktar 'il fuq u cioe` tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' mitejn ewro (€200) kull xahar u dan anke jekk il-konvenuta ssib impjieg fiss, filwaqt li tastjeni milli tillikwida ammont ta' manteniment favur il-minuri Letizia Saliba peress li din se tkun tghix mal-attur.*
*Il-Qorti qeghdha wkoll tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta is-somma komplessiva ta' €37,400 rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti lilha u lil uliedhom Letizia u Ritenne ahwa Saliba, liema somma pero` qeghdha tigi in parte sodisfatta billi l-konvenuta qeghdha tigi assenjata iz-zewg garaxxijiet u cioe` l-garaxx bin-numru mhux ufficjali hmistax (15) u bl-isem Pile Driver, fi Triq l-Ahmar, Marsascala kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat 12 ta' April tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, u l-garaxx numru erbatax (14) f'Fingest Court, Tower Road, Msida kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat 2 ta' Mejju tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, filwaqt li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta is-somma bilancjali ta' €11,777 fi f'pagamenti mensili mid-data ta' din is-sentenza ta' elf ewro fix-xahar (€1000) bl-ahhar pagament ikun ta' seba' mija u sebgha u sebghin ewro (€777).*
*Tvarja l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fis- sens illi tassenja lill-konvenuta z-zewg garaxxijiet u cioe` dak bin-numru mhux ufficjali hmistax (15) u bl-isem Pile Driver, fi Triq l-Ahmar, Marsascala kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat 12 ta' April tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, u l-garaxx numru erbatax (14) f'Fingest Court, Tower Road, Msida kif ahjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat 2 ta' Mejju tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice, filwaqt li tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' €2853.50 bhala sehemha minn flejjes li ntefqu fid-dar parafernali tal-attur, is-somma ta' €1164.50 bhala sehemha mill-vettura Ford Escort, u kif ukoll is-somma ta' €582.50 bhala sehemha mis-satellita u tumble dryer li gew assenjati lill-attur.*
*Tvarja l-kap tal-kura u kustodja fis-sens illi l-kura u kustodja tal-minuri Letizia Saliba ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet, filwaqt li l-istess minuri ghandha tabita mal-attur b'access liberu favur il-konvenuta.*
*Ghall-bqija is-sentenza tal-Ewwel Qorti qeghdha tigi konfermata.*
*L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) filwaqt li dawk ta' dan l-appell jithallsu in kwantu zewg terzi (2/3) mill-attur appellant u terz (1/3) mill-konvenuta appellata.*
Kopja tas-sentenza qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. CS2**.

Illi, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) kienet ukoll żammet mal-istess valutazzjoni tal-garaxxijiet kif mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dan stante li ddeċidiet illi l-attur kellu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' €37,400 li minnha kellhom jinqatgħu €25,623 valur tal-garaxxijiet, u jħallasha l-bilanċ ta' €11,777. Fil-fatt, €25,623 u €11,777 jammontaw għal €37,400.

Illi għaldaqstant, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha, kienet ordnat lill-attur iħallas lill-konvenuta dawn l-ammonti;

€37,400 arretrati ta' manteniment
€2,853.50 sehem il-mara minn infiq fuq id-dar parafernali tar-raġel
€1,164.50 sehem il-mara minn vettura assenjata lir-raġel
€582.59 sehem il-mara minn beni oħra assenjati lir-raġel
Total: **€42,000.59**

Illi sussegwentement għas-sentenza appena ċitata tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri), nhar l-24 ta' Frar 2014, il-partijiet daħlu fi ftehim bejniethom sabiex jitransiġu l-pendenzi li kien hemm bejniethom. Kopja ta' din l-iskrittura qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. CS3**.

Illi permezz tal-imsemmija skrittura, l-attur ħallas lill-konvenuta s-somma ta' €44,200.00 f'somma globali waħda tramite *bank draft* maħruġ mill-Bank of Valletta plc mill-kont tal-attur a favur il-konvenuta, u huma f'din l-iskrittura ddikkjaraw li ma għandhom ebda pendenza ulterjuri fil-konfront ta' xulxin u li tali ftehim kellu jservi bħala kwittanza finali bejn il-partijiet, għajr għall-ħlas li kien għad fadallu jagħmel l-attur lill-konvenuta tal-ispejjeż tal-Qorti skont it-taxxi relattivi, tal-kawżi tas-separazzjoni personali surreferiti, u tal-proċedura ta' subbasta (80/13) li kienet ippreżentat il-konvenuta. Kopja tal-*bank draft* qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. CS4**.

Illi fil-fatt, nhar il-24 ta' Frar 2014, l-attur ħallas ukoll is-somma ta' €7,000 għas-saldu, rappreżentanti l-ispejjeż kif ordnati fil-kawża ta' separazzjoni hawn fuq imsemmija u dawk tas-subbasta (numru 80/13) li kienet intavolat l-konvenuta fil-konfront tal-attur. Kopja tal-konferma tal-irċevuta ta' tali flus qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. CS5**.

Illi minkejja dan il-ftehim għas-saldu, nhar is-26 ta' Awwissu 2021, il-konvenuta, kienet intavolat mandat ta' żgumbrament (Nru 154/2021 ISB) fil-konfront tal-attur, rigwardanti ż-żewġ garaxxijiet li kienu jiffurmaw parti mill-

komunjoni tal-akkwisti li huma kellhom bejniethom, u ċioe', il-garaxx bin-numru mhux ufficjali ħmistax (15) u bl-isem Pile Driver, fi Triq l-Aħmar, Marsascala u l-garaxx numru erbatax (14) f'Fingest Court, Tower Road, Msida. Kopja tal-mandat qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. CS6**.

Illi l-imsemmi mandat ta' żgumbrament ġie akkordat nhar is-26 ta' Awwissu 2021 stess.

Illi sussegwentement, nhar il-25 ta' Ottubru 2021, l-attur, ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Nru 254/2021 NC), fir-rigward tal-imsemmi mandat ta' żgumrament, fejn talab lill-Qorti;
*Tissospendi l-effetti tal-mandat hawn fuq indikat fl-ismijiet premessi u dan sakemm jinstema' u jiġi deċiż finalment dan ir-Rikors;*

*2) Tħassar il-mandat hawn fuq indikat fl-ismijiet premessi;*
*U dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni."*
Illi, nhar is-17 ta' Novembru 2021, il-Qorti ddeċidiet is-segwenti dwar l-imsemmi rikors tal-attur Charles Saliba;
*Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:*

*filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur;*
*tiċħad it-tieni (2) talba tar-rikorrent eżekutat Charles Saliba għat-tħassir tal-Mandat ta' Żgumbrament bin-Numru 154/2021 maħruġ kontrih mill-intimata eżekutanta Mary Saliba.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrent eżekutat Charles Saliba.*
Kopja tas-sentenza surreferita' qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. CS7**.
Illi l-attur, ħass ruħu aggravat b'dik is-sentenza u intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), liema appell ġie deċiż nhar it-3 ta' Marzu 2022 bil-mod segwenti;
*"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar il-provvediment tas17 ta' Novembru 2021 u tilqa' t-talba għat-tħassir tal-mandat.*
*23. Billi fil-fehma tal-qorti l-mara mxiet in mala fide, l-ispejjeż kollha, kemm talewwel grad u kemm ta' dan l-appell, għandha tħallashom il-mara."*
Kopja tas-sentenza tal-Appell (sede Superjuri) qed tiġi annessa u mmarkata bħala **Dok. CS8**.
Illi kif jirriżulta mill-kopja tas-sentenza annessa bħala Dok. CS8, il-Qorti tal-Appell xtarret bir-reqqa dak li l-attur kien ordnat iħallas lill-konvenuta fis-sentenza tal-25 ta' Mejju

2012 u dak li fil-fatt ħallas u konsegwentement, il-Qorti rrimarkat ukoll is-segwenti;
*"Bil-kitba tal-24 ta' Frar 2014 ir-raġel ħallas erbgħa u erbgħin elf u mitejn euro u ħamsin ċenteżmu (€44,200.50), pratikament elfejn u mitejn euro (€2,200) aktar mill-bilanċ li kien ikun dovut li kieku l-proprjetajiet ma jiġux assenjati lill-mara. Dan ifisser illi l-partijiet ftiehmu li flok ma s-somma dovuta lill-mara "tiġi in parte sodisfatta billi l-konvenuta [il-mara] ... tiġi assenjata ż-żewġ garaxxijiet", il-ħlas isir kollu fi flus. Billi iżda ma sar ebda att pubbliku biex jitħassar it-trasferiment tas-sehem tal-proprjetà li bissentenza ġie assenjat lill-mara, il-proprjetà baqgħet formalment tal-mara, għalkemm issa mhix mistħoqqa ladarba l-ħlas tad-dejn tar-raġel sar kollu bi flus."*
Illi fil-fatt, sal-lum il-ġurnata, minkejja li huwa ċar li l-ħlas dovut mir-raġel lill-mara tħallas kollu bi flus flok bil-proprjeta', baqa' ma sarx l-att pubbliku relattiv sabiex is-sehem tal-garaxxijiet li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri), ta' nhar l-24 ta' Frar 2014 ġie assenjat lill-mara, jiġi assenjat lir-raġel stante li huwa ħallas għalih u għaldaqstant, dawn iż-żewġ garaxxijiet mhux f'pożizzjoni li jinbiegħu jew isir xi ħaġa oħra bihom liberalment għaliex teknikament għadhom jgħajjtu lill-mara minħabba t-tali sentenza;

Illi minkejja li l-attur interpella lill-konvenuta diversi drabi sabiex isir tali att pubbliku relattiv bil-għan li din il-kwistjoni tiġi riżolta darba għal dejjem, il-konvenuta baqgħet inadempjenti. Kopja legali tal-ittra uffiċjali 552/2023 qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. CS9**;

Illi l-fatt li l-garaxxijiet għadhom qed jidhru li huma assenjati lill-konvenuta, meta l-konvenuta tħallset somma ta' €44.200.00 *lump sum* kwazi għaxar snin ilu, huwa ta' detriment u ta' preġudizzju għall-attur li ma għandux il-liberta' jgawdi u jiddisponi minn dak li huwa tiegħu kif jixtieq.

kompla billi talab li din il-qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta, meta tħallset is-somma ta' €44,200.00 u s-sussegwenti €7,000 spejjeż u drittijiet tal-kawża ta' separazzjoni personali u tas-subbasta, hija tħallset *in toto* dak dovut lilha bi flus, inkluż tas-sehem tagħha miż-żewġ garaxxijiet, ċioe', il-garaxx bin-numru mhux ufficjali ħmistax (15) u bl-isem 'Pile Driver', fi Triq l-Aħmar,

Marsascala u l-garaxx numru erbatax (14) f'Fingest Court, Tower Road, Msida, u dan minflok ma tħallset *in parte* bl-assenjazzjoni taż-żewġ garaxxijiet li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet Charles Saliba vs. Mary Saliba, deċiża nhar il-25 ta' Mejju 2012, ġew assenjati lilha;

2. Tiddikjara illi l-konvenuta, ġialadarba tħallset fi flus dak dovut lilha, u tħallset ukoll tas-sehem tagħha miż-żewġ garaxxijiet, u ċioe', il-garaxx bin-numru mhux ufficjali ħmistax (15) u bl-isem 'Pile Driver', fi Triq l-Aħmar, Marsascala u l-garaxx numru erbatax (14) f''Fingest Court', Tower Road, Msida, l-assenjazzjoni kif stipulata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet Charles Saliba vs. Mary Saliba, deċiża nhar il-25 ta' Mejju 2012 mhux aktar mistħoqqa;

3. Tiddikkjara illi stante l-pagament sħiħ bi flus mill-attur lill-konvenuta, il-konvenuta ma għandha l-ebda sehem miż-żewġ garaxxijiet in kwistjoni u għalhekk, l-istess garaxxijiet jappartjenu fl-intier tagħhom lill-attur;

4. Tordna li jsir l-att pubbliku relattiv sabiex jitħassar it-trasferiment tas-sehem tal-proprjetà li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet Charles Saliba vs. Mary Saliba, deċiża nhar il-25 ta' Mejju 2012, ġie assenjat lill-mara;

5. Taħtar lin-Nutar Charles Vella Zarb sabiex jippublika l-att pubbliku relattiv;

6. Tistabbilixxi ħin, jum u lok, għall-pubblikazzjoni ta' tali att pubbliku meħtieġ;

7. Tordna lill-konvenuta sabiex tidher fil-ħin, jum u lok hekk stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti għall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att pubbliku;

8. Taħtar kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta fl-eventwali kontumaċja tagħha u/jew fin-nuqqas tagħha illi tidher għall-att pubbliku finali relattiv;

9. Fl-aħħar lok, tagħti u takkorda kull ordnijiet u/jew direttivi neċessarji u/jew meħtieġa u/jew aċċessorji sabiex it-talbiet t'hawn fuq jiġu debitament osservati u eżegwiti.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 552/2023 kontra l-konvenuta, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni, u b'riserva ta' kwalsiasi azzjoni oħra kompetenti lill-attur kontra l-konvenuta jew l-aventi kawża tagħha.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fid-29 t'Awwissu, 2023[1], li permezz tagħha eċċepiet:

(i) Illi l-kompetenza *rationae materiae* 'n kwantu l-kawsali tal-kawża fl-ismijiet premessa huma l-konsegwenza ta' proċeduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet, u b'mod aktar defint kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Saliba. Illi fl-umli opinjoni tal-eċċipjenti, hija tikkontendi li dawn il-proċeduri kellhom isiru quddiem il-Qorti Ċivili-Sezzjoni tal-Familja.

(ii) Illi mingħajr preġudizzju u fil-meritu, it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda għaliex assolutament mhux minnu, li l-eċċipjenti qatt tħallset ta' sehmha mill-garaxxijiet mertu tal-kawża u wisq anqas hija għamlet xi ftehim li bis-saħħa tiegħu hija trasferiet s-sehem tagħha lil żewġha. Illi l-proprjetà immobbli in kwistjoni u ċioè *garage* fi Triq l-Aħmar Marsascala u *garage* ieħor fi Triq it-Torri l-Imsida għadhom jappartjenu wkoll lill-mittenti u dana skond id-*decide* fil-kawża ta' separazzjoni bejn il-kontendenti;

(iii) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat li fl-udjenza tat-3 t'Ottubru, 2023, il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta dwar il-kompetenza *rationae materiae*;

4. Rat l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

6. Illi kif diġà ngħad, din id-deċiżjoni hija limitata dwar il-kompetenza *rationae materiae.* Il-konvenuta fl-ewwel eċċezzjoni tagħha ssostni li din il-kawża kellha ssir quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

[1] Ara folio 72.

7. Illi kif jinsab ritenut fid-deċiżjoni ***Alfred Agius et vs. Peter Montebello*** (Appell Inferjuri, 14/1/2004):

> Jingħad qabel kull konsiderazzjoni oħra illi presuppost speċifiku tad-determinazzjoni tal-kompetenza huma t-termini tal-azzjoni. "Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha" ("**Frankie Refalo nomine –vs- Jason Azzopardi et**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). Jista' pero` jagħti l-każ ukoll illi din l-istess kompetenza tiġi eżawtorata "ope exceptionis" bl-impunjazzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali u għalhekk jingħad ukoll illi "l-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll, fejn ikun il-każ, mill-eċċezzjoni tal-konvenut". Dan jista' jiġri billi l-Qorti tiġi neċessarjament mitluba bħala konsegwenza ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija u bħala parti mill-proċess biex tiġġudika t-talba quddiemha li tikkunsidra u tiddeċiedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeċċedu l-kompetenza tagħha. Dan ifisser illi f'każijiet simili l-kompetenza tal-Qorti hija finalment determinata mill-indoli ta' l-obbligazzjoni in relazzjoni għall-obbligat" – ("**Anthony Zammit -vs- Joseph Ellul nomine**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996).

8. Illi għalhekk, anki jekk hu minnu li l-kompetenza tiddependi primarjament mill-mod kif ikun imfassal l-att promotur tal-kawża, din id-dipendenza m'hijiex esklussiva, billi anki l-eċċezzjonijiet mogħtija jistgħu talvolta jinfluwixxu fuq il-kompetenza tat-tribunal adit.

9. Illi minn dak li jemerġi mid-dokumenti mehmuża mar-rikors ġuramentat, jirriżulta li l-kontendenti huma miżżewwġin, iżda separati legalment bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti. Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fis-27 t'Ottubru 2011 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) wara ċ-ċitazzjoni bin-numru 7/2004 NC[2], ġiet pronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti. Fl-istess sentenza, ġew likwidati varji ammonti li dik il-qorti ordnat li l-attur kellu jħallas lill-konvenuta, fosthom u anzi prinċipalment arretrati ta' manteniment kemm għall-bżonnijiet tal-konvenuta u kemm għall-bżonnijiet tal-ulied. L-attur ħassu

[2] Kopja informali tinsab eżebita a folio 10.

aggravat minn din is-sentenza, u appella. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Mejju 2012[3], il-Qorti tal-Appell varjat, fost ħwejjeġ oħra, l-ammont li kien ġie dikjarat dovut mill-attur lill-konvenuta billi naqsitu, u pprovdiet għall-ħlas parzjali ta' dan l-ammont billi assenjat lill-konvenuta sehem l-attur minn żewġ garaxxijiet li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti, u dan bħala ħlas akkont ta' dak likwidat favur il-konvenuta permezz tas-sentenza tat-tieni istanza. Wara din is-sentenza, jidher li l-konvenuta bdiet proċeduri ta' eżekuzzjoni biex titħallas dak li kien għadu dovut lilha skont l-istess sentenza, iżda biex jevita l-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju, il-konvenut ħallas lill-attriċi somma flus, u saret skrittura ta' tranżazzjoni, datata 24 ta' Frar 2014[4]. Għaddew xi snin, u l-konvenuta ressqet mandat ta' żgumbrament fil-konfront tal-attur bin-numru 154/2021[5], sabiex l-attur jiġi żgumbrat mill-imsemmija żewġ garaxxijiet, billi sostniet li skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, dawn saru tagħha biss. Il-konvenut ma qabilx, u ressaq rikors għar-revoka tal-mandat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), liema talba ġiet miċħuda b'dikriet mogħti fis-17 ta' Novembru 2021[6]. Fuq appell tiegħu, dan id-dikriet però ġie mħassar u l-mandat revokat, b'dikriet ieħor tal-Qorti tal-Appell mogħti fit-3 ta' Marzu 2022[7]. Jirriżulta wkoll li l-kontendenti għadhom separati, u ma seħħ ebda divorzju bejniethom[8].

10. Illi l-attur issa għamel din il-kawża, għaliex skont hu, bil-ħlas li hu għamel lill-konvenuta fuq l-iskrittura ta' tranżazzjoni fuq imsemmija, sehmu mill-garaxxijiet assenjati lill-konvenuta bis-sentenza tal-25 ta' Mejju 2012 ma baqgħux tal-konvenuta iżda huma tiegħu.

11. Illi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili[9], il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija waħda residwa, fis-sens illi tikkomprendi dawk il-materji kollha li ma jkunux ġew espressament assenjati lil xi sezzjoni oħra tal-Qorti Ċivili. Issa skont l-artikolu 4 tal-Ordni preċitat:

---

[3] Kopja informali tinsab eżebita a folio 18.
[4] Kopja eżebita a folio 37.
[5] Kopja eżebita a folio 40.
[6] Kopja informali eżebita a folio 45.
[7] Kopja informali eżebita a folio 57.
[8] Ara l-qbil verbalizzat mid-difensuri tal-kontendenti waqt l-udjenza tat-3 t'Ottubru, 2023, a folio 76.
[9] Avviż Legali 396/2003, kif sussegwentement emendat (LS12.19).

> Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':
>
> (a) it-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;
> (b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;
> (ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;
> (d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u
> (e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.

12. Ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Anne Marie Galea Naudi vs. Juan Carlos Galea Naudi*** (Appell Inferjuri, 3/10/2008) li:

> Oġġettivament, it-talba attriċi ma tintroduċix fil-proċess ebda tema li għandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li għadha in corso, bħal ma hekk kien il-każ deċiż minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "**Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia**", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bażi għaċ-ċirkostanzi speċjali ta' dak l-istess każ, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deċiża mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn is-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet ġja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni intentata kien biss u sempliċiment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-ħlas ta' nofs l-ispiża inkorsa. Fil-prattika jiġri dejjem, sija fil-presenza ta' ġudikat jew ta' kuntratt, ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l-oħra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Għal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda għal varjazzjoni jew kanċellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, iżda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jagħmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-każ preżenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi qorti oħra. L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza qegħda, għaldaqstant, tiġi riġettata

13. Illi fil-kawża ***Agostino sive Austin Farrugia vs. Salvina sive Sally Farrugia*** (Appell Inferjuri, 9/2/2005) ġiet milqugħa eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza billi l-kwistjoni mqanqla quddiem it-tribunal għal talbiet żgħar, rigwardanti l-jedd tal-attur li jeżiġi kontribuzzjonijiet mingħand il-konvenuta bħala komproprjetarja, ma setgħetx tinfatam minn kwistjonijiet oħrajn li kienu għaddejjin bejn il-kontendenti fil-Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja), fejn il-kawża ta' separazzjoni bejniethom kienet għadha pendenti.

14. Illi madanakollu ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern huma differenti. Fil-każ tal-lum, is-separazzjoni bejn il-kontendenti hija mitmuma, u l-uniku kontroverżja li trid tiġi epurata tirrigwarda l-effetti tal-iskrittura datata 24 ta' Frar 2014. L-attur isostni li din hija skrittura ta' tranżazzjoni, u li bħala konsegwenza tagħha u tal-ħlas magħmul in forza tagħha, l-konvenuta m'għadhiex sid weħidha tal-garaxxijiet assenjati lilha bis-sentenza tat-tieni istanza tal-25 ta' Mejju, 2012. Dak li, allura, jrid jiġi deċiż u determinat f'din il-kawża huwa regolat minn dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Titolu XIII tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, u mhux minn dawk id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 4 tal-Ordni suriferit.

15. Illi l-qorti kienet tkun propensa li tasal għall-konklużjoni differenti kieku l-azzjoni tal-attur kienet maħsuba biex tbiddel dak deċiż fil-kawża ta' separazzjoni. Iżda l-pożizzjoni tal-attur hija li dik il-bidla seħħet diġà b'effett ta' tranżazzjoni, u għalhekk il-meritu ta' din il-kawża huwa li jiġi determinat jekk teżistiex din it-tranżazzjoni, u f'każ li teżisti, x'inhuma l-effetti tagħha. Meritu dan li jaqa' taħt liġijiet li jeżulaw mill-kompetenza ċirkoskritta tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). Kif osservat mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Johanna Ganado vs. Edward De Gaetano*** (2/5/2019):

> Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li l-aggravju tal-attriċi in kwantu qed issostni li l-ewwel Qorti kienet kompetenti li tisma' u tiddeċiedi l-każ isib ġustifikazzjoni fil-konsiderazzjoni li dak li qed titlob l-attriċi f'dawn il-proċeduri mhuwiex li jitbiddel dak deċiż mill-Qorti Ċivili [Sezzjoni Familja] u konfermat minn din il-Qorti u għalhekk illum huwa *res iudicata*, iżda deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni korretta ta' parti mis-sentenzi fuq indikati rigwardanti parti mill-aspett tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, jiġifieri dik il-parti li tirrigwarda d-dar matrimonjali u wħud mill-krediti parafernali vantati mill-attriċi.

16. Terġa u tgħid fil-każ odjern l-attur lanqas interpretazzjoni tas-sentenza dwar is-separazzjoni m'huwa qed jitlob – dak li jrid l-attur huwa deċiżjoni li r-relazzjoni legali tal-kontendenti m'għadhiex regolata esklussivament minn dik is-sentenza imma wkoll mill-ftehim ta' tranżazzjoni allegat minnu. Ir-riferenza magħmula mill-konvenuta għad-

deċiżjoni ***Linda Jane Bannell vs. Carmel Camilleri*** (Prim'Awla, 5/5/2010) mhux f'lokha, billi l-fatti f'dak il-każ kienu differenti. Hemmhekk, l-attriċi riedet il-likwidazzjoni u l-qsim ta' proprjetà komuni li hi kellha mal-konvenuta wara d-divorzju tagħha, u wara li din il-proprjetà ma kinitx ikkunsidrata fil-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti mwettqa fis-separazzjoni tagħhom li ppreċeda d-divorzju. Kien għalhekk li l-qsim tal-proprjetà residwa kellu jsir minn din il-qorti, la darba ż-żwieġ tal-kontendenti ma kienx għadu jeżisti. Fil-każ odjern, il-fatt li l-kontendenti għadhom miżżewwġin ma jwassalx awtomatikament għas-sottrazzjoni tal-kompetenza ta' din il-qorti, la darba kif rajna l-materja sollevata mill-attur tirrigwarda dispożizzjonijiet tal-liġi li m'humiex riservati għall-kompetenza esklussiva tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

17. Għaldaqstant din il-qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta dwar in-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni tħallashom il-konvenuta.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur